**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 145/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Martin Galea**

Illum, 19 ta' Ottubru 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Martin Galea, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 131965(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'xi zmien fix-xahar ta' Ottubru tas-sena 2021 f'dawn il-gzejjer:

i) Permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika għamel użu mhux xieraq bih;
ii) U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, uża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew eżebixxa xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbusiv jew insolenti jew xort'oħra ġab ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta' ġeneru, identita' tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk ħoloq il-probabbilita' li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-15 ta' Marzu 2022, fejn il-Qorti rat l-artikoli ndikati, u ċioe l-Artikoli 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u stante ammissjoni mill-imputat Martin Galea li ġiet ikkonfermata, anke wara li ngħata zmien konsiderevoli biex jaħsibha, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti u stante li l-ewwel imputazzjoni hija mezz għall-fini għat-tieni imputazzjoni, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kkundanatu għal seba' xhur priġunerija sospizi għal tmintax-il xahar. Il-Qorti ordnat ukoll digriet taħt l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal sena.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fl-1 ta' April 2022, fejn talab lil din l-Qorti sabiex:

i) Tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-15 ta' Marzu 2022, jew
ii) Tirrevoka u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu 2022 in kwantu l-piena nflitta u minflok timponi piena iktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Martin Galea.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel aggravju minnu ntentat, l-appellant iqanqal il-preġudizzjali tan-nullita' tas-sentenza appellata u dana għaliex, fil-fehma tiegħu, din ma tissodisfax il-vot tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li telenka dawk ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex sentenza mogħtija mill-qrati inferjuri titqies waħda valida u skont il-liġi. L-appellant jippreċiza li in-nullita' reklamata temani mill-fatt illi fil-parti disposittiva

tas-sentenza ma hemmx indikati l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati li dwarhom instabet il-ħtija.

Illi, il-bran in dizamina tas-sentenza appellata jaqra hekk:–

> **Rat id-dokumenti;**
>
> **Semgħet il-provi; u**
>
> **Rat l-artikoli indikati; u ċioe l-Artikoli 49(c) tal-Kapitlu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**
>
> **Stante ammissjoni mill-imputat Martin Galea li ġiet ikkonfermata, anke wara li ngħata zmien konsiderevoli biex jaħsibha, ssibu ħati tal-akkuzi kif dedotti u stante li l-ewwel akkuza hija mezz għall-fini għat-tieni akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkundannah għal seba' (7) xhur priġunerija sospizi għal tmintax (18)-il xahar. Il-Qorti qed tordna ukoll digriet taħt l-artikolu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal sena li qed jiġi anness ma' din is-sentenza.**

Illi, l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġi ta' Malta jiddisponi illi "*Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti illi tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*" Fuq kollox-

> **Meta, pero', ...... mis-sentenza kif redetta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun ġie misjub ħati l-imputat, il-formalizmu m'hemmx postu u għandha tiġi salvata s-sentenza.**[1]

Illi, għalhekk jidher ċar li r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fil-kawża jifhmu x'kienu dawk il-fatti li fuqhom hija imejsa r-reita', tingħata l-piena għal vjolazzjoni tal-liġi u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-liġi li jitkellmu fuq ir-reat jew reati li dwarhom qed tinsab ħtija.

Illi, f'dan il-kaz, lill-appellant kienu imputati żewġ reati, wieħed imfassal fl-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u it-tieni wieħed maħsub fl-artikolu 82A tal-

[1] "Il-Pulizija vs Emanuel Zammit" deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Jannar 1986 & "Il-Pulizija vs Michael Zarb" deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 2014.

Kodiċi Kriminali intiż biex irażżan it-tixwix għall-mibegħda. Għal dawn ir-reati, l-appellant irreġistra ammissjoni nkondizzjonata. Illi l-imsemmija artikoli tal-liġi huma fil-fatt iċċitati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Għalhekk, huwa bil-wisq evidenti illi l-ilment imqanqal mill-appellant huwa għal kollox infondat, jirrażenta il-fieragħ u qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi għalkemm l-appellant jammetti għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu xortawaħda jilmenta fit-tieni aggravju minnu ventilat illi l-Ewwel Qorti malament sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u ċioe' għar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante illi l-istess artikolu jipprovdi illi sempliċi malafama jew dikjarazzjoni imlissna jew ippubblikata fuq *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku li jistgħu jagħtu lok għall-inġurja ma jikkostitwux reat taħt il-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta. In oltre, l-appellant jilmenta li fl-Atti Proċesswali ismu ġie ndikat bħala "*Martin Galea Soler*" u saret id-debita korrezzjoni biss wara li ammetta għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Illi dwar dan l-aħħar ilment il-Qorti tosserva li għalkemm huwa minnu li l-proċeduri kriminali kienu inizjati kontra persuna bl-isem ta' "*Martin Galea Soler*", madanakollu mhuwiex minnu li saret il-korrezzjoni għall-isem "*Martin Galea*" wara l-ammissjoni minnu irreġistrata, kif qed jiġi allegat mid-difiża. Xiehda ta' dan il-fatt huwa propju l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2022 (fl-liema seduta l-appellant kien legalment assistit) li jaqra hekk:–

> **...**
>
> **Il-Prosekuzzjoni titlob korrezzjoni fl-akkuza fis-sens li Martin Galea Soler tiġi taqra Martin Galea.**
>
> **Il-Qorti tilqa' t-talba.**
>
> **L-imputat jagħti ruħu nnotifikat bl-akkuza kif korretta.**
>
> **Inqrat l-akkuza bil-ġurament mill-Uffiċjal Prosekutur.**
>
> **L-imputat jirreġistra ammissjoni.**

**L-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu u dan wara li l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u kkonferma li l-Qorti tatu zmien bizzejjed sabiex jikkontempla d-dikjarazzjoni tiegħu u li fehem l-imputazzjonijiet kollha u l-provi li jġibu tali imputazzjoni.**

**...**

Illi anke hawnhekk l-aggravju imqajjem mill-appellant huwa għal kollox infondat. *A contrario*, ta' dak minnu lmentat il-korrezzjoni fl-isem seħħet propju qabel ma nqraw l-imputazzjonijiet u l-istess kienu ikkonfermati mill-Uffiċjal Prosekutur bil-ġurament u għalhekk qabel ma huwa għazel li jammetti għall-istess. Għaldaqstant l-appellant m'għandux raġun fir-rigward l-ilment tiegħu.

Illi l-appellant jqajjem ilment ieħor dwar s-sejbien ta' ħtija fit-termini ta'l-artikolu 49 tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta u dana wara l-emendi li daħħlu fis-seħħ permezz ta'l-Att XI tal-2018, u dan għaliex llum ir-reat ta'l-inġurja magħmula permezz ta' xi *network* jew apparat ta' telekomunikazzjoni ġie abrogat, bl-introduzzjoni tal-*proviso* għal dan l-artikolu tal-liġi fejn hemm hekk dispost:

> ***Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.***

Dan qed jingħad ġaladarba l-Ewwel Qorti sabet htija fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kap.399 minħabba l-kliem adoperat mill-appellant fejn uża il-kliem fil-konfront tal-kwerelanti Karol u Robert Aquilina "***dawk il-forka ħaqqhom***". Issa l-Kapitolu 579 tal-Liġijiet ta' Malta, li jinkorpora fih ukoll l-element tal-pubbliċita', jagħti s-segwenti definizzjonijiet ta' dak li jikkostitwixxi l-malafama, l-inġurji, u wkoll tal-mezz adoperat biex isir l-istess permezz ta' midja, pubblikazzjoni u xandir:

> ***"inġurja" tfisser malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizja bil-fomm;***
>
> ***"malafama" tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u l-inġurja;***
>
> ***"midja" tinkludi kull forma ta' tixrid ta' ideat, informazzjoni, jew opinjonijiet dwar materja ta' interess pubbliku, lill-pubbliku in ġenerali jew lil sezzjoni tal-pubbliku, li tkun taħt il-kontroll editorjali ta' editur;***

***"midja miktuba" tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici online kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz offline mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti;***

***"pubblikazzjoni" tfisser kwalunkwe att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għall-għarfien ta' xi persuni jew li bih kliem jew immaġni viżwali jiġu disseminati;***

Illi dawn il-proċeduri penali ġew istitwiti in segwitu għal kwerela magħmula lill-Pulizija Ezekuttiva minn Dr. Karol Aquilina in konnessjoni ma' kumment li l-appellant tefa' fuq il-pjattaforma soċjali tal-*facebook* tan-*news portal* ta' *Television Malta*. Dan il-kumment kien jikkostitwixxi kliem ta' mibegħda dirett lejn l-imsemmi Karol Aquilina u ħuh Robert Aquilina, President ta'l-moviment "Repubblika". Illi fil-fehma tal-Qorti il-kliem adoperat mill-appellant fil-kumment tiegħu ma huwiex kliem ingurjuż jew malafamanti fit-termini tad-defnizzjoni mogħtija fil-Kapitolu 549 u għalhekk ma jaqax taħt l-eżenzjoni kriminali ikkontemplata fil-*proviso* hawn fuq iċċitat għall-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda jaqa' sewwasew fl-ambitu tas-sub-inċiż 3 tal-imsemmi artikolu tal-liġi u ċioe' l-użu mhux xieraq ta' *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika meta xerred kliem ta' mibegħda fil-konfront tal-kwerelanti, kliem intiż biex iqanqal antagoniżmu u tixwix kontra grupp ta' persuni minħabba l-opinjonijiet espressi minnhom fi ħdan soċjeta ċivili.

**"Meta fil- paragrafu (c) jingħad li "jagħmel uzu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola *eiusdem generis*, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. ..... Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola *eiusdem generis* għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi.[2]"**

Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti setgħat legalment u raġjonevolment tistrieħ fuq l-ammissjoni reġistrata mill-appellant għall-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati,

[2] App.Inf. Il-Pulizija vs Alfred Grech deciza 19/07/2013 App. Nru.344/2012

billi dawn kienu jirriżultaw ippruvati mill-provi li kien hemm fl-atti abbinati mal-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Illi eżaminati l-ewwel zewġ aggravji tal-appellant, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, u ċioe dik ta' seba' xhur priġunerija sospizi għal tmintax-il xahar, fejn l-appellant jilmenta li din hija ferm eċċessiva tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza nostrana illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[3]

Illi, minn ezami akkurat tas-sentenza impunjata, jirrizulta illi l-piena erogata kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux eċċessiva anzi pjuttost qrib il-minimu tal-parametri detatti mill-Liġi. Illi r-reat ta' tixwix għal mibegħda ikkontemplat fl-artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali iġorr il-piena tal-priġunerija ta' bejn sitt xhur u tmintax-il xahar. Illi *di piu*, l-appellant ibbenifika minn sentenza ta' priġunerija sospiża *oltre* li, kif ingħad, il-piena tqarreb lejn il-minimu. Għalhekk ma tezisti l-ebda raġuni li jista' jwassal lil Qorti tvarja dik id-diskrezzjoni fdata fil-liġi f'idejn l-Ewwel Qorti. Illi sfortunatament llum n-*networks* ta' komunikazzjoni qegħdin spiss jintużaw sabiex minflok ikun hemm parteċipazzjoni intelliġenti f'diskuzzjonijiet miftuħa għal pubbliku biex jagħmlu il-kummenti tagħhom, isiru kummenti mingħajr ebda sens loġiku jew agħar minn hekk, bħal kif seħħ fil-każ in diżamina, sabiex isiru kummenti ta' mibegħda intiżi biex ixewxu lil min ikun qed jipparteċipa fid-diskussjoni bil-għan uniku li tinxtered il-mibegħda u xejn iżjed. Illi għalhekk il-qrati

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

għandhom jaraw illi apparti li ssir ġustizzja fil-konfront tal-vittmi ta' dan ir-reat tfittex illi din l-imġieba devjanti titrażżan. Kwindi anke dan l-aggravju qed jiġi respint.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell mressaq mill-appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**(ft) Imhallef**

**Vera Kopja**

**Joyce Agius**
**Deputat Registratur**